MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 398/2008

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet illi :

1. Illi l-partijiet izzewgu hawn Malta fl-14 ta' Settembru 1997, u minn liema ghaqda twieldet tifla jisimha K B li llum ghandha ghaxar snin;
2. Illi l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghom u jew b'anomalija psikologika serja li

jaghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonjiet essenzjali taz-zwieg;

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddecidi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi huwa jaqbel li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett, b'dan pero' li t-tort huwa imputabbli solament lill-attrici;
2. Illi in effett, il-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat bl-eskluzjoni ezekuttiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali u dan minhabba inter alia li l-attrici minn qabel ma kellha l-ebda hsieb li tkun fidila lejh;
3. Illi in oltre il-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrici A B u l-intimat C B jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(d) u (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha tieghu, l-intimat jaqbel li z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi izda dan ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-istess attrici, fosthom li hi qatt ma kellha l-intenzjoni li tkun fidila lejh.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

L-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat zewgha meta kellha biss tmintax (18) –il sena. L-gherusija ta’ bejniethom damet biss ftit tax-xhur, meta mbaghad l-attrici harget tqila. L-attrici tispjega li l-genituri taghha spjegawlha li ma kellhiex ghalfejn tizzewweg izda hi stess, riedet li tkun mizzewga qabel ma titwieled it-tarbija akkost ta’ kollox, ghaliex hasset li jkun ahjar ghat-tarbija jekk titwieled fiz-zwieg. Hi stess tghid li ghamlet pressjoni fuq il-konvenut sabiex jizzewgu u fil-fatt hekk sar. Il-hajja mizzewga taghhom damet biss madwar sena u nofs ghaliex, hekk kif tispjega l-attrici, mill-ewwel bdew jidhru l-problemi. L-attrici tghid ukoll li l-hajja mizzewga taghhom kienet wahda fejn l-intimat kien jiddedika hinu lill-kazin u lil shabu minflok ghaliha u ghal binthom.

Min-naha tieghu, l-intimat jaghti x’jifhem li t-tqala taghha kienet wahda pjanata, ghall-anqas min-naha tal-attrici, u wara li din tal-ahhar insistiet mieghu li riedet li jkollha t-tfal, hu ma qaghadx lura. L-intimat jikkontendi li l-hsieb wara l-ulied kien biss sabiex l-attrici tfittex tohrog mid-dar tal-genituri taghha. Hu jghid ukoll li wara li harget tqila, ghalih, il-pass naturali kien li jizzewgu. Anke l-intimat jallega li l-attrici kienet taghti priorita’ lil shabha fiz-zwieg.

**<u>Dwar l-Artikolu 19(d) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat, minhabba anomalija psikologika serja, kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[1] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[2] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[2] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom, u dan anke in vista tal-fatt li l-partijiet jikkonfermaw li t-tqala tal-attrici kienet ir-raguni ghala ddecidew li jizzewgu. Il-fatt li kienu ilhom biss flimkien ftit tax-xhur wara iz-zwieg ikompli jitfa' d-dawl fuq il-hsieb *o meno* tal-partijiet fuq iz-zwieg innifsu jew fuq l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet li jgib mieghu. Jidher car li l-partijiet raw iz-zwieg bhala l-unika soluzzjoni ghall-fatt li l-attrici kienet tqila. Ghalkemm il-Qorti ma thossx li l-intimat irnexxilu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-attrici riedet tizzewweg biex titlaq mid-dar, jirrizulta bl-aktar mod car li d-decizjoni ghaz-zwieg kienet wahda – t-tqala tal-attrici u xejn aktar. Iz-zewg partijiet jikkontendu li shabhom kienu l-priorita' f'hajjithom izda minkejja li jaghmlu tali allegazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin, tali allegazzjonijiet m'humiex korraborati b'xi xhieda ohra, ghaliex l-unici xhieda li tressqu quddiem din il-Qorti huma fil-fatt il-partijiet stess.

L-attrici tghid li bejniethom qatt ma kien hemm zwieg, qatt ma kien hemm xi forma ta' komunikazzjoni jew ftehim. Tghid ukoll li qabel ma harget tqila, qatt ma kellhom pjan ghaz-zwieg u zzid tghid li ma kienx ghat-tqala taghha, ma kienitx tizzewweg lill-intimat. Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi mill-veracita' ta' din id-dikjarazzjoni u dan ghaliex huwa wkoll logiku li l-partijiet ma kienux lesti ghaz-zwieg meta fil-fatt izzewgu, ghaliex l-gherusija taghhom kienet wahda qasira ferm (qabel ma l-attrici harget tqila). Tant hu hekk, li l-istess attrici tikkonferma wkoll li kienet it-tqala li wasslitha biex tiddeciedi li tizzewweg lill-intimat u zzid tghid li kieku ma kienitx ghall-istess tqala, kienet taghzel li tizzewweg, imma mhux lill-istess intimat.

**Dwar l-Arikolu 19(f), u cioe' li l-kunsens tal-intimat inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[3] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest, terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Kif il-Qorti kellha diga' l-opportunita' li tirrileva, l-partijiet ma gabu ebda prova li xi wiehed jew wahda minnhom eskluda z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg. L-intimat, permezz tar-risposta guramentata tieghu, jikkontendi li l-attrici eskludiet l-obbligu tal-fedelta' izda gialadarba l-intimat naqas milli jaghmel prova dwar xi forma ta' adulterju, wisq u wisq anqas irnexxilu jaghti prova tal-eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta' da parti ta' martu. Lanqas l-attrici ma gabet ebda prova dwar xi forma ta' eskluzjoni taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi taz-zwieg da parti tal-konvenut.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg

[3] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------